L-Imdina Biennali tiċċelebra l-istorja multikulturali tal-kapitali l-qadima



L-Imdina dalwaqt se tmur lura fiż-żminijiet biex tilqa' l-imgħoddi multikulturali ta' din il-belt, bil-preżentazzjoni tal-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina, li se ssir bejn it-13 ta' Novembru u s-7 ta' Jannar 2016, bl-appoġġ tal-Bank APS bħala l-imsieħeb ewlieni fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

Dan l-avveniment li se jagħti ħajja ġdida lil din l-edizzjoni tal-Imdina Biennali, se jagħti ħarsa differenti lill-arti u r-reliġjoni, u qed ikun imfaħħar għall-mod kif se jkun ta' pont bejn il-kulturi differenti, id-differenzi fit-twemmin u anke dawk li ma jemmnu f'xejn.

It-tema, 'Kristjanità, Spiritwalità u d-Diversità', flimkien mad-direzzjoni kunċettwali ġdida għal dan l-avveniment, ġew żviluppati mill-artist, akkademiku u kritiku tal-arti Dr Giuseppe Schembri-Bonaci, li hu d-direttur artistiku tal-Biennali.

L-avveniment, li jmur lura għall-oriġini tal-Biennali tal-Imdina fid-disgħinijiet iżda issa ppreżentat b'direzzjoni differenti, se jipprovdi spazju spiritwali għall-kreattività, u se jippreżenta ħsibijiet provokattivi u xogħlijiet tal-arti ta' livell għoli u ta' kwalità mill-aqwa artisti minn xejn anqas minn 25 pajjiż minn madwar id-dinja.

"Ninsabu kuntenti u eċċitati nħabbru li l-Biennali tal-Imdina attirat ismijiet ta' kalibru għoli u ta' kwalità kemm mid-dinja tal-arti internazzjonali kif ukoll mill-qasam tal-arti nazzjonali," qal Dr Schembri-Bonaci.

Il-lista twila ta' artisti tilħaq ismijiet ta' artisti mid-diversi oqsma tal-arti. Artisti lokali jinkludu lil Richard England, Mark England, Vince Briffa, Patrick Dalli, Paul Haber, Pierre Portelli, Anna Grima, Sina Micallef Farrugia, Victor Spiteri u James Micallef Grimaud.

Xogħlijiet oħrajn minn artisti internazzjonali se jkunu ppreżentati minn Dario Fo, Francesco Infante, Adam Dix, Michael von Cube, Valera Loredana Longo, Silvia Camporesi, Denis Pondruel, Christian Jaccard, Bernard Cousinier, Gildas Le Reste, Frederique Lucien, Philippe Desloubieres, Vincent Come, Patrice Pantin, Kacha Legrand, Nicola Arkell, James Alec Hardy, Richard Shields u Natala u Valerya Cherkashin.

Il-Biennali se tippreżenta wkoll kalendarju mimli ta' mużika, attivitajiet letterarji u awdjoviżivi, b'wirjiet mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Brian Schembri. Jieħdu sehem ukoll il-kompożituri Karl Fiorini, Reuben Pace u Albert Garzia, l-attur Pino Scicluna, żfin kontemporanju taħt id-direzzjoni ta' Francesca Abela Tranter, b'kollaborazzjoni wkoll ma' Caravan u ARTNAKED.

Caravan hi inizjattiva transkulturali li torganizza avvenimenti tal-arti għal kotra kbira ta' nies bl-intenzjoni li toħloq djalogu ta' paċi bejn id-diversità fir-reliġjonijiet u fil-kulturi. Caravan se tkun qed tikkordina numru ta' proġetti għall-Biennali tal-Imdina, inkluż l-istallazzjoni tal-iskultura ta' ħmar Malti u serje ta' kunċerti.

ARTNAKED hi organizzazzjoni bbażata Londra li tagħmel xogħol ta' kuratur u toħloq avvenimenti numeruż, esebizzjonijiet, wirjiet, produzzjonijiet għar-radju u avvenimenti letterarji akkademiċi. Grupp ta' artisti kontemporanji minn Londra u minn bliet oħrajn se jkunu qed jipparteċipaw fil-Biennali tal-Imdina taħt it-tmexxija ta' ARTNAKED.

"L-Imdina ilha belt ta' arti għal sekli sħaħ. Ninsabu kuntenti u eċitati li nippreżentaw din l-istorja u li nressqu aktar arti minn qatt qabel lejn il-ħitan tal-fortifikazzjonijiet," qal Dr Schembri-Bonaci. "Issa, f'dan iż-żmien importanti fl-era moderna li qed ngħixu llum, ninsabu kburin niċċelebraw id-diversità permezz tal-arti u meta jkun possibbli ninkoraġġixxu djalogu bejn reliġjonijiet u tradizzjonijiet differenti. L-arti kollha hi spiritwali, u dan hu l-messaġġ li rridu ngħaddu lil ħafna viżitaturi li nittamaw li jieħdu gost b'dan il-Biennali fix-xhur li ġejjin."

Aktar informazzjoni u l-aħħar aħbarijiet dwar il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina 2015, tinsab fuq is-sit mdinabiennale.org.